# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 46 — IL-HADD, L-1 TA' OTTUBRU, 1944. — Nru. 46


KELMTEJN MILL-EDITUR

## L-ISKOLA

QABEL il-Gwerra Hitler beda jipposa ta' ħabib ġdid ta' kulħadd. Beda jikkritika l-mod li l-Ingilterra kienet tiggverna l-Kolonji u d-Dominji tagħha u ipprova b'ħiltu kollha biex ifehemhom li taħt il-Ġermanja kieku jsibu ruħhom aħjar. Mussolini minnufih ifforma l-assi (il-fus) mal-Ġermanja u flimkien ma' Hitler bdew jippritkaw il-libertà tal-popli kollha! Żewġ nazzjonijiet, li l-popli tagħhom anqas kienu jistgħu jitniffsu, tiġihom ħniena minnuqqas tal-libertà ta' pajjiżi oħrajn!

Hitler beda wkoll jipprova jagħmel trattati mal-potenzi ta' qribu — trattati biex bihom jingannahom. "M'għandi l-ebda ħsieb nieħu t-tali territorju" kien igħid — u, wara erbat ijiem jinvadih bit-truppi tiegħu.

Lil Chamberlain ried ukoll ibellgħu r-ross billabra! *Jien m'għandix ambizzjonijiet territorjali iżjed fl-Ewropa*," kien qallu, u ftit wara kont taraħ jinvadi pajjiż biex taparsi jagħti l-*libertà* lill-poplu tiegħu! Iżjed ma jiekol, iżjed kien jaqbdu l-aptit!

Iżda pulitka li mhix ġenwina ma tistax iddum wisq. "*Tista' tidħak b'xi ħadd mill-poplu għal ftit żmien, iżda ma tistax tidħak bil-poplu kollu żżmien kollu!*"

Il-pulitka ta' Hitler kienet ingann; ma kenitx pulitika ġenwina. Hitler kien igħawweġ is-sewwa għall-fini jiet ta' rasu! Min igħawweġ is-sewwa ma jistax jirrenja fit-tul! L-istorja ta' dawn id-dittaturi hi eżempju mill-iżjed ċar għad-dinja kollha, għall-popli kollha u għal dawk li għandhom jew għad ikollhom f'idejhom it-tmexxija ta' poplu jew sezzjonijiet mill-poplu.

Hawn Malta forsi hawn jew jista' jkun hawn min jikkopja l-pulitika ta' Hitler fiċ-ċokon tal-problemi tagħna. Dak ikun żball kbir. Id-dritt ma hemmx isbaħ minnu!

Il-bdiewa huma bil-bosta konservattivi, iżda bin-nuqqas ta' l-iskola mhux dejjem jagħarfu l-ġid middeni! Kultant jemmnu lill-ħbieb, kultant lill-għedewwa. Ir-responsabbiltà ta' min jitkellem ma min mhux ta' l-iskola hi kbira. Jekk tmexxih ħażin hi wisq ikbar!

Biex il-bidwi ma jkunx jista' jinganna ruħu jiħtieġlu ħaġa waħda—*skola*!

Jekk il-bidwi jkun jaf jaqra u jikteb—jekk ikun jaf jagħmel ftit numri, hu malajr jagħraf imexxi l-affarijiet tiegħu.

Skola, skola u skola! Skola għal ulied il-bdiewa u skola ta' bil-lejl għall-bdiewa kbar.

It-tfal żgħar—ulied il-bdiewa—huma l-bdiewa ta' għada. Jiħtieġ imorru l-iskola—jiħtieġ jibqgħu l-iskola!

L-iskola tagħmel l-irġiel. L-iskola tgħallmek tirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor u tiddefendi d-drittijiet tiegħek! Bl-iskola pajjiżna jgħaddi 'l quddiem.

---

## IL-BIEDJA F'OTTUBRU

(*Editur tal-Propaganda*)

### Fil-Għalqa

MA' dħul Ottubru l-arja tibda tfewweġ u jinħass il-frisk ta' temp niedi, li din is-sena beda qabel is-soltu; il-wiċċ tar-raba' minn Santa Marija 'l hawn diġà xxarrab b'xi ħalba xita. Għalkemm ix-xitwa għadha ma resqetx sewwa, iżda qiegħda wara l-bieb, is-sena tal-biedja, nistgħu ngħidu, li tibda minn dax-xahar. Wara l-ewwel raxxiet tax-xita li s'issa għamlet, aħna rajna li n-nixfa ta' wiċċ ir-raba' nkisret u ttaffiet u l-għelejjel li nżergħu bdew ihaddu bin-nebbiet tagħhom. Qabel ma jinżera' l-qamħ, il-maħlut u x-xgħir għan-niexef, il-bidwi jibda jaħseb biex jiftaħ fetħa l-art bil-moħriet biex jeqred ir-refgħan tal-ħaxix ħażin u biex l-art tkun tista' tarda' aħjar ix-xita. Issa li l-art ixxarrbet u rtabet, jixraq li l-bidwi jagħżaq bid-demel, sewwa jekk bil-banek kemm jekk bid-daqqa jew bil-fiesa biex l-art titlesta għaż-żrigħ tal patata u taħwil ta' prodotti oħra bħalma huma l-pastard, kaboċċi, piżelli jew pitravi.

Tajjeb jekk din is-sena ż-żrigħ tal-ful jitħalla għall-aħħar ta' Novembru mħabba l-budebbus. Iż-żara' jmissu jibda juri li kiber, u, għalhekk fejn dari meta x-xita tkun ftit bikrija, *għal San Luqa* (18 ta' Ottubru) ***fiż-żara' tkun tista' tinħeba għattuqa***, jiġifieri ż-żara' jkun beda jogħla ġmielu; din is-sena l-għattuqa tista' tinħeba qabel.

### Fil-Ġnien tal-Ħxejjex

Aqla' mill-ħmiemel u ħawwel ix-xtieli tal-basal, krafes, kurrat, indivja u ħass, kif ukoll kaboċċi, pastard, brokkli u kaboċċi żgħar taz-zokk (*Brussels Sprout*). Għal min għadu ma żarax, jista' jfittex jiżra' l-ħmiemel tal-pitravi, ta' l-ispinaċi, tal-karroti, tas-sorfolja, tar-rvanell jew fiġel, u tax-xorta kollha ta' ħaxix tal-ħarifa u tax-xitwa maħsubin biex jitrabbew u jsawru mingħajr tisqija. Xettel malajr xi tadam taħt xi ħajt xemxi għall-kenn għal prodott tal-ħarifa u tax-xitwa, f'ħamrija mdemmla. Naddaf mill-weraq mitbiela l-ħmiemel tal-frawli. Il-patata bikrija tax-xitwa trid tintaqax.

### Fil-Ġnien tas-Siġar

Is-siġar bħalissa għandhom jiddemmlu. Id-demel għandu jingħażaq bil-banek jew bid-daqqa fond ta' madwar sitt pulzieri u mhux iżjed. L-egħżiq ma għandux ikun wisq qrib lejn iz-zokk sabiex l-egħruq ma jimtessux. Għandna niftakru li s-siġra tikber bl-egħruq tal-fond u tagħmel il-frott bl-egħruq tal-wiċċ u għalhekk ma għandniex innaqqsulha mill-egħruq tal-wiċċ bl-egħżiq. Mhux ta' min jagħti demel iżżejjed il-għaliex b'hekk is-siġra tista' tinfexx fil-weraq bi ħsara tal-prodott. It-tidmil tas-siġar ma għandux isir ħlief darba kull tlieta jew erba' snin. Id-demel għandu jkun misjur sewwa.

Bħalissa jistgħu jitqallbu x-xtieli tal-lanġas, tal-pruna, ta' l-isfarġel u tat-tuffieħ, ukoll jekk għadhom ma neżgħux mill-weraq, iżda wieħed għandu jneżżagħhom mill-weraq u jħallilhom xi tnejn fit-truf ta' kull fergħa. B'hekk, billi għadha s-sħana, dawn ix-xtieli dlonk ixenxlu u jaqbdu qabel ma tasal ix-xitwa. Ix-xtieli tas-siġar li jitħawlu bħalissa għar-rebbiegħa, meta jibdew jikbru, ikunu iżjed b'saħħithom minn dawk li jitħawlu fix-xitwa.

